MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2015

Avviz Numru. 346/2012

**Middlesea Insurance plc (C 5553) kif surrogata fid-drittijiet ta’ l-assikurat taghha Raymond Aquilina kif ukoll Laferla Insurance Agency Limited (C 14529) fil-kwalita’ taghha ta’ agent ta’ l-istess socjeta Middlesea Insurance plc u l-istess Rayond Aquilina (ID 575362M), skond il-ligi u il-polza**

**vs**

**James Buhagiar**
**(ID 153891M)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors promotur ippresentat fis 16 ta’ Ottubru 2012 fejn ir-rikorrenti talbu lill-Qorti tiddikjara lill-intimat responsabbli ghall-incident stradali ossija kollizzjoni illi sehh fl-1 ta’ Jannar 2010 gewwa Triq Burmarrad, San Pawl il-Bahar, bejn il-vettura Land Rover JSM 900 misjuqa minnu u l-vettura Toyota Vitz CBJ 598 misjuqa minn Raymond Aquilina, u ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta attrici favur l-istess Raymond Aquilina wara illi s-socjeta rikorrenti ghamlet tajjeb ghall-hsarat.

Ir-rikorrenti talbu, ghalhekk, illi l-Qorti tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta Laferla Insurance Agency Limited fis-somma ta’ tlett elef, tmien mija u hamsin Euro (€3,850) jew somma verjuri likwidata mill-Qorti u tikkundanna lill-istess intimat ihallashom is-somma hekk likwidata.

Spejjez u imghax legali mid-data tal-presentata ta' dana l-att sad-data tal-pagament effettiv.

Rat l-eccezzjonijiet ta' l-intimat ippresentati fit 13 ta' Novembru 2012 fejn cahad it-talbeit attrici stante illi sahaq li l-incident sehh tort ta' Raymond Aquilina li kien qed isuq il-vettura CBJ 598 u ghalhekk ma huwa responsabbli ghall-hlas ta' ebda danni.

Semghet ix-xhieda ta' **Raymond Aquilina** moghtija fit 22 ta' Frar 2013.

Semghet ix-xhieda tal-**PC 1082 Ronald Marmara** moghtija fit 22 ta' Frar 2013.

Semghet ix-xhieda tal-**WPC 230 Anna Marie Vella** moghtija fit 22 ta' Frar 2013 u rat id-dokumentazzjoni minnha esebita.

Rat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali moghtija fit 28 ta' Frar 2013 fejn ikkonfermat is-sejbien ta' htija fil-konfront ta' l-intimat James Buhagiar ghall-incident meritu tal-kawza oderna, liema decizjoni inghata mill-Qorti tal-Magistrati fit 2 ta' Frar 2012.

Tosserva illi fil-proceduri kriminali, kif jidher fis-sentenza fuq riferita a fol 8 tal-process, l-intimat kien ammetta l-ewwel tlett imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, illi kienu jakuzawh bis-segwenti:

> *1. nhar l- 1 ta' Jannar 2010 ghall- habta ta' bejn is- 2.00am u s- 2.30am waqt li kien qieghed isuq vettura li ggib numru JMS-900 matul Triq Burmarrad, Burmarrad, b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl- arti jew professjoni tieghu jew b' nuqqas ta' tharis tar- regolamenti tat- traffiku, habat ma' vettura li ggib numru CBJ 958 bil- konsegwenza li kkaguna offizi ta' natura gravi u ta' dizabilita permanenti fuq il- persuna ta' Raymond Aquilina minn San Pawl il- Bahar u dan skont ma kif verbalment iddikjara t- tabib Dr. Jonathan Joslin MD tal- isptar Mater Dei;*
>
> *2. u aktar talli fl-istess data, hin u lok kkaguna hsara nvolontarja fuq il- vettura li ggib numru CBJ 598 u dan ghad- dannu ta' Raymond Aquilina;*
>
> *3. u aktar talli fl- istess data, hin u lok, saq vettura li ggib numru JMS- 900 fuq in- naha tal- lemin tieghu u dan bi ksur tal- Artikolu 75 tal- Avviz Legali 65.11 u talli saq l- istess vettura b' sewqan perikoluz u traskurat;*

Rat il-vera kopja ta' l-Inkjesta Magisterjali relatata mal-incident meritu tal-kawza odjerna, ippresnetata fl-10 ta' Mejju 2013.

Semghet ix-xhieda ta' **Claire Culic**, rappresentant tas-socjeta Laferla Insurance Agency Limited, moghtija fl-24 ta' Gunju 2013 u rat id-dokumentazzjoni minnha esebita.

Rat l-Ittra Ufficjali ippresentat fl-1 ta' Dicembru 2011 lill-intimat u notifikata lis-socjeta assikuratrici Elmo Insurance Ltd u ppresentata il-Qorti fl-24 ta' Gunju 2013.

Rat illi fis 7 ta' Ottubru 2013 is-socjeta rikorrenti iddikjarat illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw.

Rat l-affidavit ta’ **James Buhagiar** ippresentat fl-14 ta’ April 2014.

Semghet ix-xhieda ta’ **Raymond Aquilina** in kontro ezami moghtija fis 26 ta’ Mejju 2014.

Rat in-nota ta’ cessjoni presentata minn Raymond Aquilina fil-konfront ta’ l-intimat James Buhagiar.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta’ **James Buhagiar** moghtija fit 2 ta’ Marzu 2015.

Rat illi fis 27 ta’ April 2015 l-intimat iddikjara illi ma kellu ebda provi ohra x’jippresenta.

Semghet it-trattazzjoni ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet moghtija fil 15 ta’ Gunju 2015, wara liema data il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Il-kawza odjerna tirrigwarda incident awtomobilistiku illi sehhet fl 1 ta’ Jannar 2010 ghal habta tas-saghtejn ta’ filghodu fejn vettura gejja minn Burmarrad fid-direzzjoni tal-Mosta fit-Triq Burmarrad u misjuqa minn James Buhagiar, Landrover 90 bin-numru JMS 900 habtet ma’ vettura gejja mill-Mosta fid-direzzjoni ta’ Burmarrad fl-istess triq u misjuqa minn Raymond Aquilna, Toyota Vitz bin-numru CBJ 598.

Jirrizulta illi l-impatt sehh fil-karreggjata illi fiha kienet ghaddejja il-vettura misjuqa minn Raymond Aquilina u, rizultat ta’ l-impatt, li kien wiehed vjolenti, il-vettura Toyota Vitz spiccat aktar lura minn fejn kien l-impatt u go ghalqa adjacenti ghat-triq filwaqt illi l-vettura Landrover 90 spiccat imdawra thares fid-direzzjoni opposta ghal dik illi minnha kienet gejja u aktar ‘l fuq mill-impatt.

Jirrizulta illi z-zewgt vetturi sofrew hsarat konsiderevoli u l-vettura Toyota Vitz giet dikjarat ‘*Total Loss*’ (fol 153) filwaqt illi l-attur Raymond Aqulina spicca rikoverat l-Isptar isofri minn griehi serji hafna (fol 134).

Jirrizulta illi l-attur Raymond Aquilina, illi kien assikurat mas-socjeta Middlesea Insurance plc tramite l-agenti taghha Laferla Insurance Agency Limited, eventwalment thallas is-somma ta’ tlett elef tmien mija u hamsin Euro (€3,850) ghall-vettura illi kienet maghhom assikurata.

Jirrizulta illi permezz ta’ sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali moghtija fit 2 ta’ Frar 2012 l-intimat instab hati ta’ l-akkuzi kollha, anke in vista ta’ l-ammissjoni ta’ l-istess intimat ghall-ewwel tlett akkuzi kif fuq deskritti, u gie kkundannat hmistax il-xahar prigunerija sospizi ghall erbgha snin u mmlutat elf euro filwaqt illi l-licenzja tas-sewqan tieghu giet sospiza ghall-sentejn.

Jirrizulta illi dina s-sentenza giet ikkonfermata fl-interieta taghha fit 28 ta’ Frar 2013 mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti, l-ewwel u qabel kollox, ma tistax tifhem kif jista l-intimat jghid, quddiem dina l-Qorti, illi ma huwiex responsabbli ghall-incident meritu tal-kawza odjerna meta quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ammetta illi saq b'mod traskurat u perikoluz, illi kkaguna offizi gravi u ta' dizabbilta' permanenti fuq Raymond Aquilina rizultat tas-sewqa traskurat u bla hila tieghu u li ikkaguna hsara fuq il-vettura ta' Raymond Aquilina.

Il-Qorti mhix ser tiddelibera ulterjorment dwar dana il-punt izda ma tistax ma tinnutax b'dispjacir illi certament, in vista ta' tali ammissjoni, il-kawza odjerna setghet facilment tigi konkluza ferm qabel illum.

**Ikkunsidrat**

Mill-provi prodotti quddiem dina l-Qorti, partikolarment l-iskizz redatt mill-espert tal-Qorti fl-Inkjesta Magisterjali a fol 144 tal-process, jirrizulta ampjament ippruva illi il-habta sehhet fil-karreggjata illi fiha kien qieghed isuq ir-rikorrent Raymond Aquilina u jirrizulta wkoll illi d-daqqa fuq il-vettura ta' Aquilina, ossija it-Toyota Vitz CBJ 598, indikata fl-iskizz bl-ittra 'E', kien fuq quddiem fil-kantuniera tan-naha tal-lemin taghha.

Jirrizulta wkoll illi dak li wiehed jista jirriferi bhala '*spot of impact*', u indikat fl-iskizz bl-ittra 'D' u spjegata mill-espert bhala "roqgha trab" huwa fin-nofs tal-karreggjata illi fiha kien qieghed isuq ir-rikorrenti Raymond Aquilina.

Jirrizulta illi l-impatt fuq il-vettura ta' l-intimat Buhagiar, ossija il-Landrover 90 JMS 900, kien fuq quddiem fil-kantuniera tan-naha tal-lemin tal-vettura.

Jirrizulta ghalhekk, bl-aktar mod car, illi l-impatt bejn il-vetturi kien wiehed frontali, u dana billi z-zewgt vettura laqtu lill-xulxin bil-kantuniera ta' quddiem lemenija taghhom, bir-rizultat illi l-vettura Toyota Vitz giet imbutata lura u mitfugha gewwa ghalqa aktar 'l fuq mill-impatt filwaqt illi l-vettura Landrover 90 daret kompletament u waqqfet ma-bankina aktar 'l fuq mill-impatt.

Mill-provi prodotti jirrizulta verzjonijiet konfliggenti tal-partijiet, fis-sens illi r-rikorrent Raymond Aquilina qal illi ra il-vettura gejja fil-karregjata opposta tieghu u, meta dina wasslet hdejn il-kisra, flok ma baqghet fil-karreggjata taghha, baqghet hierga dritt ghal fuq il-karreggjata tieghu, filwaqt illi l-intimat James Buhagiar jghid illi huwa ra dawl qawwi tal-vettura ta' Aquilna gejja ghal fuqu u kiser fuq il-lemin sabiex jevitaha izda sehh l-impatt.

Il-Qorti, madanakollu, ma ghandha ebda dubju illi l-verzjoni tar-rikorrent Aquilina hija ferm aktar kredibbli u attendibbli minn dik ta' Buhagiar, kemm in vista tad-dokumentazzjoni ili giet esebita li turi li l-impatt sehh unikament fil-karreggjata illi fiha kien ghaddej Aquilina, kif ukoll in vista tal-fatt illi kieku kien attwalment minnu illi Buhagiar ra dawl qawwi quddiemu, huwa kien istintivament jiker ghal fuq ix-xellug tieghu u mhux, kif qal lill-Qorti, fuq il-lemin tieghu.

Il-Qorti thoss illi, in vista tal-fatt illi dina l-kawza damet ghaddejja ghal ftit anqas minn tlett snin, ma ghandhiex tahli aktar hin tikkunsidra l-kaz ulterjorment stante illi r-responsabbilta' ta' l-incident hija cara u netta – hija ta' l-intimat James Buhagiar.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiemha, tghaddi biex taqta' u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijet kollha ta' l-intimat u

**Tilqa** t-talbiet attrici salv dawk ta' Raymond Aquilina stante c-cessjoni taghhom u ghalhekk

**Tiddikjara** lill James Buhagiar unikament responsabbli ghall-incident awtomobilisiku illi sehh fl-1 ta' Jannar 2010 gewwa Triq Burmarrad, San Pawl il-Bahar, bejn il-vettura Land Rover JSM 900 misjuqa minnu u l-vettura Toyota Vitz CBJ 598 misjuqa minn Raymond Aquilina;

**Tillikwida** d-danni sofferti mis-socheta Laferla Insurance Agency Limited fis-somma ta' tlett elef, tmien mija u hamsin Euro (€3,850), u ghalhekk

**Tikkundanna** lill-intimat James Buhagiar thallas lis-socjeta Laferla Insurance Agency Limited is-somma ta' tlett elef, tmien mija u hamsin Euro (€3,850).

Imghax mid-data tal-presentata tal-kawza odjerna sad-data tal-pagament effettiv u l-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni huma a kariku ta' l-intimat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------